MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Referenza Kostituzzjonali Numru. 64/2007

**Janice Cassar**

**vs**

**Simon Deguara u b`digriet tal-20 ta` Novembru, 2007, gie kjamat fil-kawza ghall-fini tar-referenza kostituzzjonali l-Avukat Generali tar-Repubblika**

Il-Qorti:

Din hi referenza kostituzzjonali li saret fit-12 ta` Dicembru, 2007 mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) wara talba tar-rikorrenti Janice Cassar. Jirrizulta li l-partijiet Janice Cassar u Simon Deguara izzewgu bir-rit Kattoliku fid-9 ta` Dicembru, 2000 fil-Knisja tal-Familja Mqaddsa, Sghajtar, Parocca tan-Naxxar. Dan iz-zwieg gie debitament registrat fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku fl-14 ta` Dicembru, 2000, u jgib in-numru 2118/00. Minn dan iz-zewg il-partijiet ma kellhomx tfal. Wara xi zmien, inqalghu

divergenzi bejn il-partijiet, tant li Janice Cassar fethet proceduri quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku ghal dikjarazzjoni ta` annullament taz-zwieg taghha. B`digriet tal-31 ta` Mejju, 2005, l-istess Tribunal accetta li jinvestiga t-talba kif imressqa minn Janice Cassar. Dan il-kaz ghadu pendenti quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku u qed jistenna t-turn tieghu sabiex jibda` l-istharrig tal-kaz bis-smiegh tax-xhieda.

Fil-frattemp precizament fis-7 ta` Settembru, 2006 l-istess Janice Cassar, fethet proceduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), rikors numru 288/06, fejn qed titlob li z-zwieg li hi kkuntrattat ma` Simon Deguara fid-9 ta` Dicembru, 2000, huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta` Malta). Peress li dik il-Qorti kellha certifikat mahrug mit-Tribunal Ekklesjastiku Metropolitan datat 20 ta` Gunju, 2005, li jiccertifika l-accettazzjoni tat-talba li resqet quddiem dak it-Tribunal l-istess Janice Cassar, b`digriet tal-21 ta` Novembru, 2006 iddiferiet il-kawza sine die ai termini tal-artikolu 30 tal-imsemmi Att dwar iz-Zwieg.

Peress li dan l-artikolu 30 huwa l-qofol ta` x`jwassal ghal dawn il-proceduri, l-Qorti sejra tipproduci dan l-istess artikolu ghal ahjar indendiment tal-kwistjoni. Dan l-artikolu jghid hekk:

*"30. (1) Meta t-Tribunal jaghti digriet li bih jilqa` petizzjoni li permezz taghha jinbeda quddiem dak it-tribunal kaz ghad-dikjarazzjoni ta` nullita` ta` zwieg kattoliku celebrat wara d-dhul fis-sehh ta` dan l-artikolu, il-Kancillier tat-Tribunal jew min jaghmilha minfloku ghandu jikkonsenja certifikat li juri li dik il-petizzjoni tkun intlaqghet, liema certifikat ghandu jkun debitament awtentikat, lir-Registratur tal-Qrati li mbaghad izommu dak ic-certifikat f`registru ghaldaqshekk.*

*2. Malli ssir ir-registrazzjoni msemmija fis-subartikolu (1), il-Qorti tieqaf milli tkun iktar kompetenti li tittratta l-kwistjoni; u meta jkun hemm pendenti quddiem il-Qorti azzjoni ghad-dikjarazzjoni ta` nullita` ta` zwieg li dwaru jkun intbaghat certifikat lir-Registratur skond is-subartikolu*

*(1) il-Qorti ghandha tissospendi s-smiegh tal-kaz pendenti quddiemha, u ma tistax terga` tibda` tisma` l-kaz u, f`kull kaz, ma tergax issir kompetenti sakemm il-kaz ikun skond il-proceduri tat-tribunal, irtirat minn quddiem it-tribunal jew sakemm jew ikun gie dikjarat desert.*

*3. Ikun id-dmir tar-Registratur, li jgib a konjizzjoni tal-Qorti kull certifikat li jirriferi ghal kaz, ikkonsinnat lilu skond is-subartikolu (1) kif ukoll kull decizjoni dwaru, registrata skond l-artikolu 24.*

*4. Meta azzjoni ghad-dikjarazzjoni tan-nullita` ta` zwieg kattoliku tingieb quddiem il-Qorti, il-Qorti ghandha taccerta ruhha mill-kompetenza taghha skond dan l-Att".*

Wara d-differiment sine die tal-kawza, Janice Cassar, b`rikors tat-30 ta` Novembru, 2006, talbet ir-rappuntament tal-kawza biex tissoleva l-argument li l-artikolu 30 fuq kwotat, li jnehhi l-kompetenza tal-Qrati Maltin li jisimghu u jiddeciedu fuq talba ghall-annullament ta` zwieg meta jkun hemm talba simili pendenti quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku, jivvjola d-dritt taghha kif sancit mill-Kostituzzjoni ta` Malta (artikolu 39) u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (artikolu 6) ghal access ghall-Qrati ordinarji tal-pajjiz.

Il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet, bid-digriet imsemmi tat-12 ta` Dicembru, 2007, qieset li t-tqanqil ta` din il-kwistjoni mhijiex wahda *"semplicement frivola u vessatorja"* u, fit-terminu tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta` Malta, baghtet din il-kwistjoni quddiem din il-Qorti sabiex tiddeciedi l-vertenza Kostituzzjonali.

Peress li l-materja tinvolvi stharrig gudizzjarju ta` ligi tal-pajjiz, din il-Qorti, b`digriet tal-20 ta` Novembru, 2007, ordnat li jissejjah fil-kawza l-Avukat Generali tar-Repubblika.

Din il-Qorti issa wara li semghet dak kollu li kellhom x`jghidu l-partijiet u wara li rat l-atti kollha tal-kawza u d-

dokument esibiti, sejra tghaddi biex tippronunzja s-sentenza taghha fuq il-vertenza imqajma.

Fl-ewwel lok, kif tajjeb osservat il-Qorti Civili fid-digriet ta` riferenza, ghalkemm ir-rikorrent Janice Cassar, kienet originarjament allegat ksur ta` diversi drittijiet fundamentali (ghalkemm mhux kollha gew specifikati), fil-kors tas-smiegh illimitat ruhha ghad-dritt ta` persuna li jkollha access ghall-Qrati ordinarji sabiex fi zmien ragjonevoli jiddeterminaw l-istat taghha.

Ezaminat issa l-meritu tal-kwistjoni, il-Qorti tara li l-artikolu 30 in kwistjoni, li kien gie mizjud fl-Att dwar iz-Zwieg bl-Att numru 1 tal-1995, japplika biss ghal zwiegijiet li jsehhu <u>wara</u> d-dhul fis-sehh ta` dak l-istess artikolu fl-istess sena. Iz-zwieg in kwistjoni sehh fl-2000 u kwindi milqut b`dak l-artikolu.

Hawnhekk, allura, ghadna kaz fejn il-partijiet, <u>jekk jaghzlu</u> li jiccellebraw zwieg bir-rit kattoliku wara l-1995 – ghazla li ghall-fini tal-<u>effetti civili</u> taz-zwieg mhux mehtieg li ssir hekk ghax iz-zwieg jakkwista l-istess effetti civili anke jekk il-partijiet jaghzlu li jizzewgu biss bir-registru – huma jkunu issottomettew ruhhom ghal kompetenza tat-Tribunal Ekklesjastiku f`kaz li tinqala` kwistjoni dwar il-validita` o meno taz-zwieg.  Peress li l-ligi in kwistjoni tolqot biss zwiegijiet li jsiru wara d-dhul fis-sehh tieghu, kull parti li tizzewweg wara l-1995 <u>taf</u> li jekk tizzeweg bir-rit kattoliku, hi tkun qed taghmel dik is-sottomissjoni.  Din il-kompetenza kwazi-esklussiva tat-Tribunal Ekklesjastiku tista`, pero`, titwarrab <u>bi qbil bejn iz-zewg partijiet</u>, meta jaqblu li jissottomettu t-talba taghhom ghall-gurisdizzjoni tal-qrati civili u jwarbu dik it-Trbunal Ekklesjastiku.

Dan ir-regolament mhux mibni fuq il-fidi tal-partijiet, izda fuq ghazla libera li huma jaghmlu li jizzewgu bir-rit kattoliku.  Darba saret din l-ghazla, u b`hekk il-partijiet ikunu ghazlu t-Tribunal Ekklesjastiku bhala l-forum kompetenti li tistharreg il-validita` o meno taz-zwieg taghhom jekk jinqala` l-kaz, parti wahda ma tistax unilateralment tikser dak l-arrangament u tfittex post iehor fejn tressaq il-lanjanzi taghha.  Jekk parti tkun intrabtet

b`patt jew konvenzjoni li kwistjoni kellha titressaq quddiem qorti jew tribunal partikolari, dik ir-rabta ma setghetx tintesa jew titwarrab jekk mhux bi qbil bejn kulhadd (ara, bhala rifless fuq dan, il-kawza “Tonna Barthet et vs Pace”, deciza minn din il-Qorti fit-12 ta` Marzu, 1954).

Ix-xenarju jixbah dak ta` meta l-partijiet fuq kuntratt jaqblu minn qabel li, f`kaz ta` tilwima dwar il-kuntratt jew il-validita` tieghu, il-materja titressaq ghall-konsiderazzjoni ta` arbitru jew qorti ta` pajjiz specifiku. Dawn il-klawsoli, hekk imsejha *exclusive arbitration clauses* jew *exclusive jurisdiction clauses*, jitqiesu validi fis-sistema legali malti, anke jekk gieli gie ritenut li tali klawsoli ma jwarbux il-gurisdizzjoni tal-qrati maltin meta, mic-cirkustanzi, ikun jirrizulta li l-forum gurisdizzjonali malti huwa dak l-aktar konvenjenti jew ideali ghad-determinazzjoni tal-kwistjoni in materja, cirkustanzi li ma jirrizultawx f`dan il-kaz (ara, per ezempju, l-kawzi “Micallef et vs Mifsud et noe”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-26 ta` Novembru, 1991 u “Micallef Stafrace noe vs Parnis England noe”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-6 ta` Lulju, 1995).

L-ghazla ta` tribunal jew arbitragg ghad-determinazzjoni ta` materja hi, allura, valida, anke jekk jista` jitqies li b`dan il-mod, dak li jkun, ikun qed jirrinunzja ghall-qrati ordinarji bhala l-forum tad-determinazzjoni ta` dik il-kwistjoni. Il-partijiet jistghu jaqblu li jidderogaw mid-dritt li jaghtuhom il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ghal qorti kif sancit mill-Qorti Ewropea fil-kaz “Golder vs The United Kingdom” deciz fil-21 ta` Frar, 1975. Fi kliem iehor, anke jekk jigi argumentat li l-process quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku ma jissodisfax ir-rekwiziti tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, l-fatt li l-partijiet ikunu volontarjament ghazlu dak il-process ghar-rizoluzzjoni tat-tilwima, u dan meta ghazlu li jizzewgu bir-rit kattoliku, ma jistax jinghad li jkun hemm ksur tal-artikoli invokati.

Fil-*“Journal of the Chartered Institute of Arbitrators”* (Vol. 72 Nru. 3 – Awissu, 2006), fl-artikolu miktub minn Hew R. Dundas, intitolat *“Recent Arbitration Cases in English Courts”*, saret riferenza ghall-kawza “Weissfisch vs Julius

<u>& Others"</u>, deciza fl-2006. F`dik il-kawza qamet kwistjoni jekk riferenza ghal arbitragg jissodisfax il-provediment tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja. L-awtur jghid dan fuq dak li osservat il-Qorti tal-Appell (pagna 278):

*"Colman J. considered that parties to a commercial contract, including a public authority, could undoubtedly, without breach of Art. 6, enter into arbitration agreements disentitling them to access to "a public hearing by a tribunal established by law". If Parliament had decided in 1996 that the public interest had required deletion of s. 69, no argument could have been advanced that arbitration agreements entered into thereafter by public authorities infringed Art. 6 since neither party would be permitted to resile from its agreement that all disputes should be resolved otherwise than by "public hearing by a tribunal established by law". <u>The right of access to the courts would have had to yield to the public policy of adherence to freely-contracted agreements for the means of dispute resolution</u>. It followed that parties whose arbitration agreements brought them within the restricted supervisory regime of s. 69 were not thereby acting inconsistently with the ECHR rights of the opposite party, regardless of whether one of them was a public authority. Although they possessed a very restricted right of appeal, such was not impermissible under the ECHR. Equally, if they had mutually agreed to exclude s. 69, they were also acting entirely consistently with Art. 6 in the sense that they had preferred s.69(1)'s finality and privacy to the prospect of subsequent court proceedings and, having so agreed, they could not be permitted to rely on Art. 6 and complain that there had been anything unlawful in one party, whether or not a public authority, inviting agreement to the exclusion of a restricted right of appeal" (sottolinear ta` din il-Qorti*).

Hu car minn qari ta` din il-bran li d-dritt ghall-Qorti li jgawdi kull cittadin jista` jigi rinunzjat b`rizultat tal-<u>ftehim</u> li waslu ghalih il-partijiet li jirrikorru ghall-arbitragg.

F`artikolu iehor li l-istess awtur ippubblika fil-Vol. 73, Nru. 1 (Frar, 2007) tal-indikat gurnal (intitolat *"The Finality of*

*Arbitration Awards and the Jurisdiction of the Court of Appeal”*), f`pagna 136 jaghmel is-segwenti riferenza:

*“In Nordström-Janzon, the European Court held: (i) by choosing arbitration, the parties had renounced the requirement of a procedure before the ordinary courts which satisfied all the Art. 6 guarantees; (ii) nevertheless account had to be taken of any legislative framework affording a measure of control of the arbitration proceedings and whether that control had been properly exercised; (iii) different states could legitimately afford different grounds for challenging an award and each contracting state could decide for itself what grounds should suffice for setting aside an award; (iv) neither Netherlands law nor the Netherlands courts had acted in breach of the ECHR and the application was manifestly ill-founded. If Netherlands law had in addition provided that there was to be no appeal unless the judge gave permission, the Commission would have likewise decided that the application was ill-founded”*.

Ghal darba ohra, l-enfazi hija fuq l-ghazla tal-partijiet li jmorru ghall-arbitragg, u ghax hekk ghazlu ghandhom jitqiesu li irrinunzja ghad-dritt li jadixxu *“Qorti”* kif irid l-artikolu 6(i) tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Fil-kaz tal-legislazzjoni lokali, ic-cahda mir-rikors ghall-Qrati ma gietx imposta mil-Legislatur, li halla f`idejn il-partijiet jiddeciedu jekk jizzewgux bir-rit kattoliku jew bir-rit civili; dak li jkun, hu ovvju, irid jerfa` l-konsegwenzi tal-ghazliet u d-decizjonijiet li jkun ha.

Hawnhekk, non si tratta minn pretenzjoni civili li l-ligi trid li bil-fors tigi deciza minn organu li mhux il-Qorti (bhal fil-kaz ta` arbitragg mandatarju, meritu tal-kawza “Grech vs Calleja et”, deciza minn din il-Qorti fid-19 ta` Ottubru, 2007), izda riflessjoni tal-principju *pacta sunt servanda*, fis-sens li la darba z-zewg partijiet jaghzlu tribunal ghad-determinazzjoni tal-problemi li jista` jkollhom fil-futur, ebda parti ma jista` unilateralment iwarrab dak l-arrangament.

F`dan il-kaz hija r-rikorrenti stess li dahlet in operazzjoni l-provedimenti tal-imsemmi artikolu 30 tal-Att dwar iz-Zwieg meta invokat il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku bit-talba li ghamlet f`dik it-Tribunal ghad-dikjarazzjoni ta` invalidita` taz-zwieg taghha. Zewgha, fil-fatt, ma oggezzjonax li l-kaz jinstema` minn dawn il-Qrati, u kieku r-rikorrenti ma resqetx talba quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku, u resqet biss il-kaz taghha quddiem dawn il-Qrati, ma kienx ikun hemm problema biex dawn il-Qrati jkomplu jisimghu l-kaz. Kienet, fi kliem iehor, ir-rikorrenti li, bit-talba li ghamlet quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku , invokat l-*"exclusive jurisdiction clause"* li kienu ftehmu fuqu fid-data taz-zwieg taghha ma` Simon Deguara, u ma tistax issa tilmenta li m`ghandhiex *"access to a court"*.

Il-Qorti tosserva wkoll, li l-Legislatur haseb ukoll ghal *"a measure of control"* fuq dak li jigri quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku, ghax il-ligi tahseb biex ma taghtix effett lil xi decizjoni tat-Tribunal jekk id-drittijiet tal-partijiet ma jkunux gew mharsa *"b`mod sostanzjament mhux differenti mill-principji tal-Kostituzzjoni ta` Malta"* (artikolu 24(5)(ii) tal-Att dwar iz-Zwieg). F`kaz li jirrizulta li t-Tribunal Ekklesjastiku ma jkunx segwa xi regoli jew principji marbuta mad-drittijiet ta` xi parti, id-decizjoni li tinghata ma tkunx tiswa ghal fini tal-effetti civili taz-zwieg (ara "Calleja vs Azzopardi noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-8 ta` Novembru, 2004).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-riferenza kostituzzjonali billi tichad l-ilment tar-rikorrent li l-artikolu 30 tal-Att dwar iz-Zwieg imur kontra l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 30 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, u tordna li kopja ta` din id-decizjoni tigi inserita fl-atti tal-process tal-kawza "Janice Cassar vs Simon Deguara" u rikors numru 288/06 NC pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).

L-ispejjez tal-proceduri quddiem din il-Qorti ghandhom jithallsu kollha mir-rikorrent Janice Cassar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------